MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 143/2008

Sandro Grigolo u ghall kull interess li jista' jkollha martu
Roberta Grigolo
vs
Dionica R & D Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Sandro Grigolo li bih eccepixxa:

Illi r-rikorrenti Sandro Grigolo huwa impjegat mas-socjeta` intimata sa mill-1 ta' Awissu, 2004 (kif jihder mill-kopja tal-kuntratt ta' impjieg datat 28 ta' Lulju, 2004 annessa mar-rikors u esebita bhala Dok A);

Illi r-rikorrenti Sandro Grigolo ghandu jiehu minghand is-socjeta` intimata s-somma ta' €92,388.35 (ekwivalenti ghal Lm 39,662.32) dovuta mis-socjeta` intimata bhala paga ghax-xhur mill-1 ta' April, 2007 sal-31 ta' Jannar, 2008 u dan kif jidher mir-rendikont anness mar-rikors u esebit bhala Dok B;

Illi s-socjeta` intimata naqset li thallas is-somma dovuta minnha lir-rikorrenti;

Illi l-kreditu tar-rikorrenti kontra s-socjeta` intimata huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti s-socjeta` intimata ma ghandha ebda eccezzjonijie x'taghti ghal talba gudizjarja ghall-hlas ta' l-imsemmi kreditu;

Illi r-rikorrenti Sandro Grigolo jaf bil-fatti dikjarati f'dan ir-rikors personalment;

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors ir-rikorrentiipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jikkawtelaw il-kreditu taghhom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbu li, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, dina l-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €92,388.35 (ekwivalenti ghal Lm 39,662.32) dovuta bhala paga lir-rikorrenti Sandro Grigolo ghax-xhur mill-1 ta' April, 2007 sal-31 ta' Jannar, 2008;

Bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament dekorribbli skond il-ligi, li sal-31 ta' Jannar, 2008 ammonta ghal €8046.73 (ekwivalenti ghal Lm3454.46).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni l-hrug ta' liema gie mitlub kontestwalment mal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat, u salv kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti.

Is-socjeta` intimata giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tal-lum u anqas ghal dik tad-9 ta' Lulju 2008.

Xehed Sandro Grigolo li qal li minn meta gie ipprezentat ir-rikors, ghadu ma sar l-ebda pagament mis-socjeta` intimata.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 ***et sequitur*** tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), qed tilqaghha u qed tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €92,388.35 dovuta bhala paga lir-rikorrenti Sandro Grigolo ghax-xhur mill-1 ta' April, 2007 sal-31 ta' Jannar, 2008.

Bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament dekorribbli skond il-ligi, li sal-31 ta' Jannar, 2008 ammonta ghal €8046.73.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------